A.L. 177 ta' l-2003

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - offrut mis-Centre for Communication Technology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - ippubblikati bħala Avviż Legali 307 ta' l-2002, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafi (d) u (e) li jsegwu għandhom jiżdiedu wara l-paragrafu (ċ) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"(d) grad jew kwalifika professjonali rilevanti rikonoxxuta għal dan il-għan mill-Bord flimkien ma' minimu ta' ħames snin esperjenza fil-qasam ta' studju li

għaliħ saret l-applikazzjoni u li ġiet deskritta fil-portfolio li l-applikanti huma meħieġa jissottomettu ma' l-applikazzjoni tagħhom; jew

(e) diploma f'qasam rilevanti miksuba qabel l-2003 u minimu ta' tmien snin esperjenza fil-qasam ta' studju li għalih saret l-applikazzjoni u li ġiet deskritta fil-portfolio li l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu ma' l-applikazzjoni tagħhom.

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) L-applikanti eliġibbli għar-reġistrazzjoni taħt il-paragrafu (a) jew l-ekwivalenti tiegħu taħt il-paragrafu (ċ) tar-regolament 4 jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw xi kundizzjonijiet oħra stipulati mill-Bord wara li tkun ġiet ikkunsidrata r-relazzjoni ta' l-istudji preċedenti tagħhom mal-qasam ta' studju propost fil-Kors u wara li jkun ġie eżaminat il-portfolio ta' l-esperjenza ta' l-applikanti.

(2) L-applikanti eliġibbli għar-reġistrazzjoni taħt il-paragrafi (d) u (e) tar-regolament 4 ikunu meħtieġa jissodisfaw xi kundizzjonijiet oħra stipulati mill-Bord (inkluż li jsegwu Kors Preparatorju skond il-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament), wara li tkun ġiet ikkunsidrata r-relazzjoni ta' l-istudji preċedenti tagħhom mal-qasam ta' studju propost fil-Kors u wara li jkun ġie eżaminat il-portfolio ta' l-esperjenza ta' l-applikanti."

5. Is-sotto-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat bħala s-sotto-paragrafu (3).